



8.2.2010

0007/2010

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-assunzjoni tar-responsabilità tal-Olokawstu

**Richard Howitt, Bogusław Sonik, Alexander Graf Lambsdorff,
Marek Siwiec, Cornelis de Jong**

Data ta' skadenza: 10.5.2010

0007/2010

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-assunzjoni tar-responsabilità tal-Olokawstu

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura,
- 1. Jenfasizza li l-Olokawstu twettaq mill-Ġermaniżi, iżda bl-appoġġ, marġinali kemm seta' kien, ta' Ewropej oħra, inkluża l-kollaborazzjoni istituzzjonali organizzata u spontanja ta' gruppi u individwi fit-territorji okkupati mill-Ġermaniżi;
- 2. Japprezza li l-gvern Ġermaniż ikkundanna l-atroċitajiet li twettqu mit-Tielet Reich u jfaħħar l-isforzi tiegħu biex jeduka l-ġenerazzjoni l-ġdida dwar it-terror tal-passat;
- 3. Ifaħħar l-isforzi tal-gvern Pollakk biex jissalvagwarda l-mużew f'Auschwitz u jilqa' l-apoloġija uffiċjali tal-President tal-Polonja għall-massakru tal-Lhud f'Jedwabne fl-1941;
- 4. Ifaħħar il-fatt li fl-2004 il-gvern Rumun irrikonoxxa l-mixja sal-mewt ta' madwar 380 000 vittma fost il-Lhud.
- 5. Jesprimi l-akbar ammirazzjoni tiegħu għal attivitajiet bħal dawn li jfittxu li jstabilixxu l-verità u t-tifkira storika;
- 6. Jenfasizza li l-Alleati tal-Punent fil-biċċa l-kbira baqgħu passivi waqt l-Olokawstu, u li Auschwitz u l-linji tal-ferroviji li kienu jwasslu għall-kmamar tal-gass qatt ma ġew attakkati;
- 7. Jiftakar li l-Lhud li bdew jaħarbu l-persekuzzjoni fl-1939 intbagħtu lura mill-Istati Uniti u minn Kuba;
- 8. Jirrikonoxxi li l-Olokawstu għandu sehem speċjali fl-istorja Ewropea; jirrikonoxxi wkoll li, meta naċċettaw x'għara fil-passat fil-pajjiżi li llum jagħmlu parti mill-Unjoni Ewropea, aħna nkunu qegħdin naċċettaw ir-responsabilità tagħna li niżguraw li l-waħx tal-Olokawstu ma jseħħ qatt aktar;
- 9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill u l-Kummissjoni.